# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 26 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 2416/98**

**Numru 29**

**Carmel u Elizabeth konjugi Mizzi**

**vs**

**Lorraine Costa**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess atturi s-somma li tkun likwidata mill-Qorti (mhux aktar minn elf lira, eskluzi l-ispejjez legali u l-imghaxijiet legali) in linea ta' danni ikkagunati lill-atturi mill-konvenuta, meta fil-21 ta' Lulju 1998, fil-Mellieha By-Pass, Mellieha, bil-car tar-registrazzjoni SR 396896, il-konvenuta ipprovokat l-incident awtomobilistiku bil-habta mal-car numru DAD 213, proprieta tal-attur li fih ikkagunat hsarat fl-imsemmija car, u dana tort tal-konvenuta u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-sewqan,

wara li l-Qorti tiddikjara li l-konvenuta responsabbli ghall-imsemmi incident awtomobilisitku u ghad-danni kollha konsegwenzjali u wara li l-Qorti tillikwida l-ammont tad-danni sofferti mill-attur.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-4 ta‘ Awissu 1998 u tal-ittra ufficjali tal-21 ta’ Ottubru 1998 u bl-imghaxijiet legali sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet (fol 15 tal-atti).

1. Illi l-incident tat-traffiku li sehh fil-21 ta’ Lulju 1998 fil-Mellieha ma garax tort u htija tal-eccipjent u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi ghalhekk it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi PC 72 Bernard Galea (fol 42 et seq tal-atti), il-Fizzjal tal-Pulizija li investiga dan il-kaz, esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz, relattiv ghal dan il-kaz u minn dawn id-dokumenti, jidher li dan l-incident gara fil-"by-pass" tal-Mellieha biz-zewg vetturi involuti jinsaqu fid-direzzjoni tal-Bajja tal-Mellieha ossija l-Ghadira.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-atturi, Carmel Mizzi (fol 2 tal-istess atti) xehed l-ewwel nett permezz ta' "affidavit", illi hu kien qed jsuq il-vettura bin-numru DAD 213, fuq il-"lane" ta' barra waqt li, quddiemu fil-vicin izda fuq il-lane ta' gewwa kien hemm karozza ohra, misjuqa mill-konvenuta. Hawnhekk, l-attur, testwalment qal "F'daqqa wahda il-karozza (misjuqa mill-konvenuta) qasmet bhala lehha ta' berqa mill-"lane" ta' gewwa ghal fuq il-lane ta' barra u r-rota ta' barra sahansitra qabzet id-double white line u waqfet hemm f'posizzjoni angolata ghal mal-karozza tieghi u holqitli obstruction". Meta gara dan, hu ghafas il-"brake". Pero l-karozza tieghu tat daqqa fil-kantuniera ta' wara tal-karozza misjuqa mill-konvenuta Fix-xhieda tieghu, l-attur irrefera ghal zewg punti:

a) Fil-karozza tal-konvenuta, mal-hgiega ta' wara, kien hemm "rubber dinghy" li kienet qed tostakola il-viswali taghha mill-mera tan-nofs;

b) l-istess konvenuta ma ghamlet ebda sinjal sabiex tindika li kienet ser tibdel il-”lane”;

c) il-karozza tal-konvenuta kienet tat-tip “left hand drive” (ara ukoll l-iskizz sottomess minnu a fol 3 tal-atti).

Illi l-attur ipproduca, bl-istess procedura, imsemmija, x-xhieda ta’ Raymond Muscat u ta’ Vincent Borg (fol 4 u 6 tal-atti), liema rgiel kienu passiggieri fl-istess karozza misjuqa mill-attur, kollha kemm huma sejrin sabiex jaqbdu il-vapur lejn Ghawdex fejn jirrisjedu. In rigward l-incident Raymond Muscat riekeb fuq quddiem vicin l-attur spjega li l-attur kien qed jsuq b’velocita ta’ madwar 50kfs. Meta waslu fit-tmiem tal-imsemmi “by-pass”, hu nnota li, quddiemhom, fuq il-lane interna, kien hemm karozza ohra, misjuqa, ukoll, b’velocita moderata. Meta waslu sabiex jissorpassawha, il-karozza l-ohra “habta u sabta zammet “brake” li jiena nikkonsiderah bhala qawwi u kisret ghal go fina b’mod li l-genb tal-karozza gie faccata tal-karozza taghna”. L-istess xhud issottolinea li, qabel ma ghamlet din il-manuvra, l-konvenuta ma ghamlet l-ebda sinjal. In rigward ix-xhud l-iehor Vincent Borg, jista’ jinghad li dan irrepeta, tista’ tghid kelma b’kelma dak li xehed Raymond Muscat.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jidher a fol 20 u 21 tal-atti, l-attur xehed ukoll “viva voce” quddiem il-Qorti f’liema xhieda, tista’ tghid ukoll, irrepeta, fis-sustanza dak li kien xehed permezz ta’ “affidavit” hlief li semma’, hawnhekk, illi kien ra r-roti, ta‘ quddiem tal-karozza misjuqa mill-konvenuta, “... jieqfu qiesu inghafas il-”brake” u li l-konvenuta qalet xi kliem, wara l-istess incident. Ma din ix-xhieda, l-attur, esebixxa ukoll, skizz, tal-post tal-incident li hu qal li kien maghmul minnu stess. Pero jigi notat li dan l-iskizz maghmul minnu, hu, filfatt anness max-xhieda b’”affidavit” sottomessa minnu waqt li, waqt ix-xhieda “viva voce” esebixxa kopja tal-iskizz maghmul mill-Pulizija.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-<u>konvenuta</u> (fol 29 et seq ibid) spejgat li hi kienet akkompanjata mill-erbat itfal taghha kif ukoll ommha waqt li kienet sejra lejn il-Bajja tal-Ghadira, fil-karozza misjuqa minnha u li hi tat-tip “left hand drive”. Waqt li kienet ghaddejja fuq il-<u>lane ta’ gewwa, ta’ mal-bankina</u>, hi hasset daqqa minn wara. Wara, oltre li rat li l-karozza taghha ma tantx sofriet hsarat (“xi ftit danni fuq il-bumper ta’ wara biss. Tant kemm kienu zghar il-hsarat, illi ma stajtx tarahom”), wiehed mill-irgiel li

kien jakkumpanja lill-attur fil-karozza ta' dan kien qalilha li kienu "mghagglin" ghax riedu jilhqu l-vapur ta' Ghawdex.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-premess, dan il-kaz hu wiehed fejn il-partijiet involuti taw versjoni totalment konfliggenti bejniethom.  Hawnhekk, il-Qorti rat, kif dejjem ghamlet f'kazijiet bhal dan, jekk hemmx xi prova oggettiva u indipendi mill-partijiet involuti sabiex tara liema versjoni tirrifletti dak li, attwalment, gara f'dan il-kaz.  Filfatt din il-prova instabet fl-iskizz imsemmi, maghmul mill-fizzjal tal-Pulizija li investiga dan il-kaz, liema skizz ma giex kontestat mill-konvenuta.  Minn dan l-iskizz, wiehed jista' jara, b'mod evidenti, li l-konvenuta meta ntlaqtet ma setghetx kienet fuq il-"lane" ta' gewwa, kif xehdet hi quddiem din il-Qorti.  Kieku l-incident in esami gara kif xehdet il-konvenuta, il-karozza taghha ma setghetx tispicca skond kif murija fuq l-istess skizz, b'kwazi tlett kwarti minnha oltre id-"double white line" u fuq in-naha l-ohra tat-triq.  Inoltre fir-rapport esebit (fol 52), il-konvenuta semplicement kienet qalet lill-istess fizzjal li meta waslet f'liwja, hi naqset il-velocita u l-karozza tal-attur habtet ma taghha, liema punti ma gewx imsemmija mill-konvenut fix-xhieda taghha.

Illi, ghalhekk, kollox jindika li dak li xehed l-attur u z-zewg xhieda prodotti minnu jirrispekkja dak li verament gara f'dan il-kaz u li, probabilment, il-konvenuta invadiet mix-xellug ghall-lemin u ghall-gharrieda minghajr ebda sinjal, il-"lane" li fuqha kien qed jsuq l-istess attur. Dan jindika b'mod car li l-konvenuta ma hadet ebda prekawzjoni sabiex tara li, fuq il-"lane" fuq il-lemin taghha, ma kien hemm ebda vettura ohra qabel ma ghamlet il-manuvra kif hawn fuq deskritta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward il-hsara konsegwenzjali fuq il-karozza misjuqa mill-attur, liema hsara giet deskritta mill-istess konvenuta bhala "....quddiem mifqugh (fol 30 tal-atti) u bhala slight" fl-imsemmi rapport, l-istess attur esebixxa diversi dokumenti (fol 35 sa 42 tal-atti) minn fejn jidher li d-danni involuti jammontaw ghal Lm923.13,0. Tenut kont li l-istess hsarat li kienu involvu l-bonnet u l-bumper ta' quddiem gew deskritti fuq di gja inghad bhala "slight", il-Qorti tara li dan l-ammont hu akkwantu esagerat u ghalhekk "abitrio boni viri" qed tirriducieh ghall-ammont ta' Lm623.13,0.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1) tiddikjara lill-konvenuta bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta;

2) tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm623.13,0; u;

3) tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta’ Lm623.13,0 bl-imghax legali millum stess sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tal-4 ta’ Awissu 1998 u ta’ dik ufficjali tal-21 ta’ Ottubru 1998.

Alan Calleja
Deputat Registratur